# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 8 ta' Lulju 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 10/2022 BS**

**AA**

**-vs-**

**BB**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat ta' AA illi ppremettiet:**

1. Li hija żżewġet lil BB fit-tlieta (3) ta' Settembru elfejn u ħdax (2011) u ċ-ċertifikat taż-żwieġ relattiv ġie isktritt fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bin-numru progressiv mija u tmienja u erbgħin ta' dik l-istess sena (148/2011) (Dokument A anness);

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt (2) itfal, ĊĊ, li twieled fil-25 ta' Lulju 2012; u DD, li twieled fit-18 ta' Awwissu 2014;

3. Illi l-partijiet ilhom separati de facto għal aktar minn sena tant li fis-7 ta' Ottubru 2020 kienu ġa nbew il-proċeduri ta' separazzjoni ta'

bejniethom (Dok. B) u dik is-separazzjoni ġiet imbagħad formalizzata bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Enzo Refalo tas-sitta u għoxrin (26) ta' Awwissu elfejn u wieħed u għoxrin (2021);

4. Illi bis-saħħa ta' dak il-kuntratt, huma kienu anki llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u rregolaw il-materji kollha inkluż il-kura u kustodja tat-tfal u l-aċċess rispettiv għall-ulied kif ukoll il-manteniment tal-ulied;

5. Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli, jew remot, għal rikonċiljazzjoni bejniethom;

6. Illi l-esponenti tixtieq li jiġi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;

7. Għaldaqstant umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

   a. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

   b. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien mogħti lilu għal daqshekk minn din l-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

**Rat ir-risposta ta' BB illi eċċepixxa:**

1. Illi huwa jirrikonoxxi l-fatt li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Enzo Refalo tas-sitta u għoxrin ta' Awwissu elfejn u wieħed u għoxrin (26.08.2021) u għaldaqstant ai termini tal-Artiklu 66 tal-Kap. 16 ir-rikorrenti hija eliġibbli sabiex titlob u tottjeni d-divorzju;

2. Illi l-esponenti jirrileva l-fatt illi di prinċipju u fuq lant morali huwa ma jaqbilx mad-divorzju stante li huwa nisrani prattikanti u għalhekk iż-żwieġ għalih ma jinħallx b'divorzju iżda meta u jekk jiġi ddikjarat null, tant li bejn il-partijiet hemm proċeduri pendenti quddiem it-Tribunal Ekkleżjastiku propju sabiex jevalwa l-validità o meno tal-kunsens taż-żwieġ tagħhom.

Għaldaqstant filwaqt li jirrimetti ruħu għas-savvju ġudizzju ta' din il-Qorti Onorabbli jirrileva umilment li ma għandux ibati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri li ma għandhom ebda utilità għalih.

Daqstant għandu x'jissottmetti bl-akbar rispett.

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tinnota li r-rikors ġuramentat ġie ppreżentat mill-attriċi.

Permezz ta' dan ir-rikors l-attriċi debitament iddikjarat illi hija żżewġet lill-konvenut fit-03 ta' Settembru, 2011. Tgħid illi minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġt (2) ulied. Tgħid ukoll illi ilha separata minn żewġha għal aktar minn sena u li s-separazzjoni ġiet formalizzata b'kuntratt fis-26 ta Awissu, 2021.

Bil-ġurament tagħha tikkonferma wkoll li ma hemm l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni u li ma hu dovut l-ebda manteniment.

Rat ukoll li fir-risposta ġuramentata l-konvenut fl-ewwel eċċezzjoni jaċċetta li t-talba tal-attriċi tissodisfa l-elementi sabiex tiġi akkolta.

Il-Qorti rat l-Artikoli 66 A *et seq* tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jirriżulta għalhekk illi l-attriċi rnexxielha tissodisfa r-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul.

**Decide.**

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tilqa' t-talbiet kollha u filwaqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ta' din il-kawża jkunu a karigu tal-attriċi.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur